Fit-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
27 MAY 2019
St Francis Ditch
FLORIANA

Ordni ta' Waqfien u Konfromita' IF0837/18

Mahruġ mill-Environment & Resources Authority

(Rif. tal-ERA: OKW 0024/19)

Rikors tal-appell tas-soecjeta' appellant Faceworks Limited (C45739).

Tesponi bir-rispett:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti giet kolpita b'Ordni ta' Waqfien u Konformita' relattiva illi kopja tieghu jinsab hawn anness bhala Dok. 'A'.

2. Illi wara li rceviet dan l-Ordni ta' Waqfien u Konformita' s-socjeta' rikorrenti kkommunikat mal-Environment & Resources Authority fejn, filwaqt illi spjegat illi s-socjeta' rikorrenti mhijiex is-sid tal-barriera in kwistjoni zda semplicement kienet qed tagixxi fuq l-istruzzjonijiet ta' sid il-barriera sabiex din timtela', talbet illi ssir laqgha sabiex tispjega ahjar il-pozizzjoni taghha.

3. Illi fil-fatt din il-laqgha saret izda sussegwentement l-Environment & Resources Authority gharrfet lis-socjeta' appellant li, minkejja l-ispjegazzjonijiet moghtija, l-Ordni *de quo agitur* mahrug fil-konfront taghha ma kienx se jigi rtirat u ghalhekk tatha direzzjoni sabiex, jekk ma taqbilx ma' dan l-Ordni, tipprezenta appell quddiem dan l-Onorabbli Tribunal.

4. Illi ghalhekk qieghed jigi interpost dan l-umli appell.

5. Illi l-aggravji tas-socjeta' appellanti fir-rigward tal-Ordni mahrug kontra taghha huma cari u manifesti kif se jigi hawn spjegat.

6. Illi, kif imtenni, is-socjeta' appellant mhijiex is-Sid tal-barriera in kwistjoni izda hija dahlet fi ftehim mas-Sidien, u cioe' Joseph u George, ahwa Baldacchino, sabiex timla' din il-barriera u permezz tal-istess ftehim l-istess ahwa Baldacchino taw garanzija u assigurazzjonijiet lis-socjeta' appellanti illi ***"diga jezistu l-permessi u/jew l-awtorizazzjonijiet kollha mehtiega u necessarji mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti sabiex il-Barriera tintuza ghall-iskop li qed tigi koncessa lill-Faceworks".***

7. Illi ghalhekk is-socjeta' appellant ma kellha assolutament ebda raguni ghaliex tahseb illi l-assigurazzjoni lilha moghtija mis-Sidien ma kinitx veritjiera u ghalhekk hija kienet qed

tagixxi in bwona fede bil-hsieb illi dak li kienet qed taghmel kien debitament kopert bil-permessi necessarji.

8. Illi ghalhekk l-Ordni in kwistjoni messu u kellu jigi mahrug fil-konfront tas-Sidien tal-barriera in kwistjoni, ahwa Baldacchino, u mhux fil-konfront tas-socjeta' appellanti.

9. Illi permezz tal-Ordni in kwistjoni l-Awtorita' qed tezigi illi s-socjeta' appellant tieqaf mill-irdim meta fir-realta' tali attivita' ilha li twaqqfet madwar tmien xhur u ghalhekk fil-mument li nhareg dan l-Ordni ma kien qed isir ebda irdim fil-barriera in kwistjoni. Konsegwentement tali Ordni nhareg intepestivament u ma jista' jkollu ebda effett.

10. Illi wkoll is-socjeta' appellant qed tigi ordnata sabiex tnehhi r-radam li ntefa' f'din il-barriera soggett ghal multa gjornaljiera fin-nuqqas u dan meta l-barriera in kwistjoni mhijiex proprjeta' tas-socjeta' appellanti li lanqas m'ghandha l-pussess u/jew okkupazzjoni tal-barriera in kwistjoni fil-mument illi nhareg dan l-ordni.

Ghal dawn il-motivi s-socjeta' appellant titlob umilment lil dan il-wisq Onorabbli Tribunal joghgbu, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li talvolta jidhirlu li tkun mehtiega u necessarja, ihassar u jirrevoka l-Ordni ta' Waqfien u Konfromita' IF0837/18 mahruġ mill-Environment & Resources Authority (Rif. tal-ERA: OKW 0024/19) in kwantu dan huwa dirett fil-konfront tas-socjeta' appellant.

DR. CHRIS CILIA LL.D.
IC Law, Triq l-Ghemba, Attard

Socjeta' Appellanti: 'Begonia Stores', Triq il-Pitkali, Attard ATD2214